MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 438/2007

**Talba Nru: 438/07PBC**

**IT & T Limited (C 26874)**

**Vs**

**Stephen sive Steve Austin**
**K.I. 258466(M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' wiehed u disghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm91.38c) rapprezentanti bilanc minn somma akbar rapprezentanti bhala prezz ta'

servizzi ta’ ISP (Internet Service Provider) rikjesti mill-konvenut stess u lilu debitament forniti.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ wiehed u disghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm91.38c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------